Lista twila ta' artisti mill-oqsma kollha tal-arti

Fost l-ismijiet il-kbar fil-qasam tal-arti internazzjonali, il-Biennali se tippreżenta 23 bicca ta' arti tar-rebbieħ tal-Premju Nobel, Dario Fo, mill-kollezzjoni privata ta' Dr Schembri-Bonaci

minn paġna 18

varji u ta' interess u jinkludu l-Katidral ta' San Pawl, il-Mużew tal-Katidral, Palazzo de Piro, il-Knisja ta' San Pietru tal-Ktajjen, il-Kappella ta' Santu Rokku, il-Pjazza tal-Arċisqof, il-Bieb tal-Griegi u l-Palazz Vilhena. Informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tad-diversi postijiet fejn se jkunu qed isiru l-attivitajiet tinkiseb mis-sit elettroniku http://mdinabiennale.org/index.php/participation/visitor-info.

"L-Imdina ilha belt ta' arti għal sekli sħaħ. Ninsabu kuntenti u eċitati li nippreżentaw din l-istorja u li nressqu aktar arti minn qatt qabel lejn il-ħitan tal-fortifikazzjonijiet," qal Dr Schembri-Bonaci. "Issa, f'dan iż-żmien importanti fl-era moderna li qed ngħixu llum, ninsabu kburin niċċelebraw id-diversità permezz tal-arti u meta jkun possibbli ninkoraġġixxu djalogu bejn reliġjonijiet u tradizzjonijiet differenti. L-arti kollha hi spiritwali u dan hu l-messaġġ li rridu ngħaddu lil ħafna viżitaturi li nittamaw li jieħdu gost b'din il-Biennali fix-xhur li ġejjin.

Is-suċċess u l-eżistenza tal-Biennali tal-Imdina li qed tiġbor flimkien kollezzjoni mill-aqwa ta' arti u ta' avvenimenti uniċi, hu riżultat tal-appoġġ u ta' ħafna xogħol ta' ħafna individwi li ħadmu qatigħ u ddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom għal dan l-avveniment. Iżda mingħajr l-appoġġ finanzjarju u ġeneruż tal-Bank APS kien ikun impossibbli li jiġi organizzat proġett daqstant ambizzjuż.

Emmanuel P. Delia, iċ-*Chairman* tal-Bank APS, qal li hu sodisfatt li l-bank hu assoċjat ma' dan l-avveniment. "L-edizzjoni b'ħajja ġdida tal-Biennali tal-Imdina taqbel perfettament mal-viżjoni tal-Bank APS li tappoġġja attività kulturali," qal Emmanuel P. Delia. "Dan hu l-aktar għaliex il-Biennali ġiet estiża għall-attività artistika u ta' diversità li ma kinux preżenti fl-edizzjonijiet ta' qabel. Aħna dejjem appoġġjajna arti ta' livell għoli u inkoraġġejna l-iskambju ta' ideat mhux biss lil hinn minn xtutna iżda wkoll fi sferi ġodda."

Flimkien mal-Bank APS, li hu s-sieħeb ewlieni, dan l-avveniment qiegħed isir ukoll bl-appoġġ tal-Express Trailers bħala l-kumpanija uffiċjali li ġarret ix-xogħlijiet tal-arti; il-Horizons li huma l-pubblikaturi tal-katalgu tal-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina 2015 kif ukoll bil-kollaborazzjoni ta' Caravan u Artnaked.

Caravan hi inizjattiva transkulturali li torganizza avvenimenti tal-arti għal kotra kbira ta' nies bl-intenzjoni li toħloq djalogu ta' paċi bejn id-diversità fir-reliġjonijiet u fil-kulturi. Caravan se tkun qed tikkordina numru ta' proġetti għall-Biennali tal-Imdina, inkluż l-istallazzjoni tal-iskultura tal-ħmar Malti u serje ta' kunċerti.

Artnaked hi organizzazzjoni bbażata Londra li tagħmel xogħol ta' kuratur u toħloq avvenimenti numerużi, esebizzjonijiet, wirjiet, produzzjonijiet għar-radju u avvenimenti letterarji akkademiċi. Grupp ta' artisti kontemporanji minn Londra u minn bliet oħrajn se jkunu qed jipparteċipaw fil-Biennali tal-Imdina taħt it-tmexxija ta' Artnaked.

Il-Biennali qed issir realtà wkoll bl-għajnuna tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-Istitut Kulturali Taljan, Lumen Design brand coaching u Salvo Grima Group.

Għal aktar informazzjoni u l-aħħar aħbarijiet dwar il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina 2015, wieħed għandu jżur s-sit http:www.mdinabiennale.org.

Diversi wirjiet se jiġu ppreżentati kemm fl-Imdina kif ukoll f'postijiet oħrajn barra l-belt Medjevali

Emmanuel P. Delia, iċ-Chairman tal-Bank APS flimkien mal-Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina, Monsinjur Anton Cassar u Dr Giuseppe Schembri-Bonaci, id-direttur artistiku tal-Biennali, jaraw parti mill-esebiti